**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 26 – IT-TLIETA, 20 TA' MEJJU 2014 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier (6.00pm) |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 25**

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 24**

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura stieden lill-Kunsill biex jiltaqa' fit-21 ta' Mejju 2014. Ġie deċiż li jattendu s-Sur Etienne Bonello Du Puis, is-Sinjura Joan Farrugia, u s-Sur Trevor Fenech.

**4 Korrispondenza**

4.1 Ġie deċiż li napplikaw għall-korsijiet tal-kompjuters tat-TCTC għal iKids. Ġie miftiehem li l-Kunsill jħallas biss 300 Ewro minflok 1100 u l-lezzjonijiet isiru s-Swieqi. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

4.2 Ġiet innutata talba biex isiru l-linji tal-parking fi Triq Ugo Carbonaro. Ġie deċiż li jagħmel site visit il-Kunsillier Dominic Cassar qabel ma tittieħed deċiżjoni.

4.3 Ġiet diskussa t-talba għal rikonsiderazzjoni biex tiġi rranġata l-bankina fi Triq Birkirkara minħabba li r-resident biddel il-karozza tiegħu u għandu problema biex jidħol fil-garage. Ġie deċiż li din it-talba ma tiġix milqugħa minħabba li wiċċ il-garage huwa taħt wiċċ it-triq u din il-problema tista tissolva billi ssir rampa fuq ġewwa tal-garage.

4.4 Ġiet diskussa t-talba biex titkabbar il-kaxxa s-safra quddiem garage fi Triq Sant'Antnin. Wara li saret site visit ġie innutat li dan il-garage għandu żewġ metri spazju mill-koxxa tal-garage. Għalhekk ġie deċiż li din it-talba ma tiġix milqugħa.

4.5 Kien hemm diskussjoni fuq l-iskips tar-reciklaġġ f'Misraħ Ħawħa. Ġie deċiż li dawn l-iskips jiċċaqalqu mal-ħajt ta' Triq Bella Vista.

Is-Sur Malcolm Abdilla daħal għal-laqgħa fis-6.00pm.

4.6 Ġiet innutata permess għal zebra crossing fil-parti ta' fuq fi Triq Bella Vista. Ġie deċiż li ssir talba lil TM biex din iz-zebra crossing issir minnhom minħabba ż-żieda ta' traffiku li din it-triq ser ikollha minħabba l-proġett tal-flyover tal-Kappara.

4.7 Ġew diskussi r-rati l-ġodda tal-Ozone, is-servizz tat-telefonija. Ġie deċiż li jiġi ffirmat il-kuntratt għal sentejn.

## 5 Affarjiet oħra

5.1 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex isir refreshing ta' reserved parking quddiem 128, Triq Mensija. Kien hemm qbil. Hi infurmat lill-Kunsill li l-pedestal għal franka għal Ġnien San Ġorġ Preca ser jiswa 250 Ewro. Kien hemm qbil li jsir. Hi fakkret ukoll li għad iridu jinxtraw il-bnadar tal-Kunsill. Is-Sindku għandu jixtri 10 u jiġi refunded l-ispiża.

5.2 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li l-bollard fi triq quddiem Adam Cini għadhom hemm kif ukoll l-crane bla permess gewwa Triq Torri Lanzon. Għandha tintbagħat reminder lill-pulizija fuq dawn. Ġew diskussi d-double yellow lines li saru fi Triq Ġużè Azzopardi. Ġie deciz li dawn il-linji jibqgħu kif inhuma u ma jsirux aktar. Rigward mertu San Gwann is-Sur Dominic Cassar semma l-kriterji it-tajba tal Professur Stanley Fiorini. Is-Sur Etienne Bonello du Puis ippropona li l-Professur Fiorini għal Mertu San Ġwann. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm 4 favur u 2 astensjoni. Gie deciz li qabel ma tigi approvata proposta, ghandu jaghmel site visit il-Kunsillier inkarigat.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fis-6.3pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta,10 ta' Ġunju 2014 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**